**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 141/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**Vs**

**Edgar Bartolo**

**Illum 21 ta' Marzu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Edgar Bartolo ta' erbgħa u ħamsin (54) sena, imwieled il-Belt Valletta fis-7 ta' Ġunju 1967, residenti Nru.27, Twilight, Triq il-Ħobbejża, Ħal Għaxaq u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0229267(M), talli nhar l-14 ta' Marzu 2022 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel ġewwa diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-mara tiegħu u cioè Marita (Maria-Rita) Bartolo, li tiġi wkoll omm iż-żewġ uliedu, fastidju għal iktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-mara tiegħu Marita (Maria-Rita) Bartolo;
2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat u/jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;
3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-mara tiegħu u cioè Marita (Maria-Rita) Bartolo jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni: (1) sabiex il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Edgar Bartolo a benefiċċju ta' Marita (Maria-Rita) Bartolo u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) sabiex f'każ ta' ħtija, għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Marita (Maria-Rita) Bartolo kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, il-Qorti, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Edgar Bartolo billi tapplika l-Artikoli 382A et seq. tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew torbot lil Edgar Bartolo b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq; u (3) sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti minbarra li tinfliġġi l-pieni

stabbiliti mil-Liġi, tordna lil Edgar Bartolo iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni: (i) Personal Details Form ta' l-imputat - Dok. "A"; (ii) Fedina Penali ta' l-imputat - Dok. "B"; (iii) ir-Rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ - Dok. "C"; (iv) Ittra ta' Drittijiet mogħtija lill-imputat - Dok. "D"; (v) Risk Assessment relattiv għal Maria Rita Bartolo - Dok. "E"; (vi) Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - Dok. "F"; (vii) Stqarrija rilaxxata mill-imputat permezz ta' *audio visual means* - Dok. "G";

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni giet minnu kkonfermata wara li l-Qorti a tenur ta 'l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta 'dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga 'jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga 'lura minnha;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Marita (Maria-Rita) Bartolo, datat 16 ta' Marzu 2022;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar l-14 ta' Marzu 2022 u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel ġewwa diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) ikkaġuna lill-mara tiegħu u cioè Marita (Maria-Rita) Bartolo, li tiġi wkoll omm iż-żewġ uliedu, fastidju għal iktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għall-mara tiegħu Marita (Maria-Rita) Bartolo; (2) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat u/jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih; (3) għamel inġurji jew theddid mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-mara tiegħu u cioè Marita (Maria-Rita) Bartolo jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti, filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati ammessi mill-imputat, ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proċeduri u li kkoopera mal-Pulizija.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d)(h), 18, 31, 251A(1)(a)(b)(4), 251H(b), 251HA, 202(h)(i), 222(1)(a) u 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a)(ċ) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu tikkundannah għal sentejn (2)

priġunerija iżda peress illi fil-każ in eżami jissussistu ċirkostanzi, senjatament il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proċeduri u kkoopera mal-Pulizija, in forza ta 'liema tali terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost jiġi sospiż, ai termini ta 'l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta qed tissosspendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta 'sentejn (2) dekoribbli mid-data ta 'din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Marita (Maria-Rita) Bartolo. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għall-perijodu ta' sentejn (2) li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Fil-fehma tal-Qorti fid-dawl tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Marita (Maria-Rita) Bartolo, ma hemmx il-ħtieġa ta' l-applikazzjoni tal-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384, 385 u 386 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma kienx hemm il-ħtieġa għan-nomina ta' Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti ta' dan il-każ, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jinbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**